HAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 34 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Marzu & April 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Marzu & April 2011;

   c) Audited Financial Statements;
5. Turretta;
6. L-Applikazzjjoni 313;
7. SkolaSajf;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 33 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Dwar item 3.1 li Skema tal-PPP is-Sindku flimkien mas-Segretarju kellhom laqgħa mas-Sur Joseph Curmi tal-WSC flimkien mal-kuntrattur is-Sur David Bonnici dwar kif ser isir il-ħlas lill-WSC jekk hux dirett mill-Kunsill jew il-Kunsill iħallas lill-kuntrattur Bonnici u dan iħallas lill-WSC.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 38/2011, fejn infurmaw li ser jaħbat il-50 Anniversarju mill-Mewt ta' Dun Karm Psaila, fejn jekk hemm xi Kunsill interessat li jorganizza xi attivita' b'konnessjoni ma' Dun Karm mitlub jibgħat id-dettalji lid-Dipartiment.
   Irċevejna wkoll Memo 39/2011 – Dwar Playing Fields tal-Kunsill Lokali b'tagħmir li jista' jkun perikoluż.

2. Mill-OPM fejn bagħatu dwar il-Festa tal-Artisiti li ser tittella' bejn it-8 u d-9 ta' Mejju, 2011, fejn anness hawn formola sabiex timtela' mill-artist li jkun jixtieq jipparteċipa mill-lokal. Ġejna mgħarrfa li dawn id-dati nbidlu w l-attivita' ser isir fl-10 ta' Mejju, 2001, Kunsilli li jridu jipparteċipaw għandhom jibgħatu risposta sal-4 ta'Mejju, 2011.
   Infurmaw ukoll li ser isir *refresher training* dwar is-sistema tal-*customer care*, fejn ser jattendu s-Segretarju w l-Iskrivana matul ix-xahar ta' Mejju.

3. Mill-ASKLM, fejn infurmaw li ser ikun hemm taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi ġewwa Spanja bejn ix-xhur ta' Mejju u Ottubru, 2011.

4. Mit-Transport Malta, fejn irċevejna rapport għal talba ta' *reserved parking* ta' Ms Carmela Gravina li toqgħod f' 34, Triq Dar il-Bebbux.

5. Mir-Reġjun Nofsinhar fejn bagħatu l-Aġenda w dokumenti relatati mal-laqgħa.

6. Mill-Kunsill Lokali Kirkop, fejh bgħatu jinfurmaw li ser isir kors fil-piroteknika matul ix-xahar ta' Mejju,2011, bil-prezz ta' € 20 kull persuna.

7. Mill-Kunsill Lokali Żebbuġ fejn infurmaw li ser isir Seminar Internazzjonali dwar is-Sigurta' Urbana bejn l-4 u s-6 ta' Mejju, 2011. Għal dan is-Seminar ser jattendi s-Sindku w s-Segretarju.

8. Mill-AFM, fejn bagħatu javżaw li ser isir taħriġ tal-isparar bejn il-5 u s-6 ta' Mejju, 2011, fil-madwar ta' Ħal Għaxaq.

9. Mingħand Claudette Abela Baldacchino, irċevejna li ser isir il-Programm Konfini mill-Pjazza fuq One TV, fejn jekk hemm xi Kunsilli nteressat li jipparteċipaw qed jintalab ħlas ta' € 1,000.

10. Mill-AKL, fejn infurmaw dwar il-polza tal-Health Insurance, fejn anness hemm il-kundizzjonijiet u formoli. Il-ħlas huwa ta' € 37 għal kull persuna għal perjodu bejn Mejju sa Diċembru, 2011. Il-Kunsill qabel li din il-polza tiġi mġedda.

11. L-Ghaqda Muzikali San Guzepp bagħatu kopja ta' ittra li ntbagħatet lill-*Cleansing Services Dept.* sabiex jużaw il-kamra ta' fuq Santu Rokku fil-ġranet tal-festi u biex jorganizzaw it-tombla.

12. Mingħand *Grant Thornton* irċevejna *Draft* tal-*Management Letter* u wara li din ġiet diskussa, ġie deċiż li jintbagħatu l-kummenti tal-Kunsill dwar din l-ittra.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Onor. Dr. C. Said, dwar il-ħlas tax-xogħol tal-WSC, fejn il-Kunsill qed jitlob l-għajnuna ta' Dr. Said sabiex dan il-ħlas isir lill-Korporazzjoni u l-WSC tħallas lill-kuntrattur hi, peress li dan ix-xogħol in kwistjoni mhux qiegħed inkluż mat-tender tal-PPP skond il-kuntrattur.

**4. Materji Finanzjarji**

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Marzu w April 2011, li kienu jammontaw għal €29.96 u €25.08 rispettivament. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€55.04 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas –Marzu & April 2011*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu & April 2011 u li jammontaw għal €24,107.69 u €18,039.54 rispettivament. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Audited Financial Statements:* Is-Segretarju ċċirkolat kopji tal-*Audited Financial Statements* sa Diċembru 2010 kif ġew emendati mill-Accountant (App. 1) sabiex dawn jiġu approvati mill-Kunsill.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva l-*Audited Finacial Statements* kif preżentati.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

5. **Turretta**

Is-Sindku qal li waqt l-*open day* li saret il-Ħadd, 24ta' April 2011, f'Jum Ħal Għaxaq ħafna nies għamlu żjara t-Turretta . Qal ukoll li kien ta' l-ideja li din it-Turretta fost affariiet oħra tibda tintuża bħala post fejn jekk jinħoloq *Scout Group* dawn ikunu jistgħu jintaqgħu fiha. Il-Kunsill qabel li din hi ideja tajba u għaldqastant ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Segretarju ta' l-*iScouts* fejn jiġi mgħarraf b'din l-ideja.

Il-Viċi Sindku qal ukoll li Din l-Art Ħelwa lesta li tgħin b'idejat kif it-Turretta tista' tiġi restawrata.

6. **L-Applikazzjoni 313**

Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li se jagħmel il-Kunsill għall-fondi tal-GAL ġiet mimlija iżda kien ikun aħjar jekk din l-applikazzjoni tiġi mgħoddijha lill-kumpanija konsulenta f'dawn l-applikazzjonijiet biex din tkun mimlija aktar professjonali. Din il-kumpanija IMPETUS titlob ħlas ta €118 biex tagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol mill-kumpanija IMPETUS.

7. **SkolaSajf**

Is-Sur Vassallo qal li s-sajf reġa' magħna u għaldaqshekk xtaq li SokaSajf għat-tfal bejn Kinder 1 u Year 2 terġa' issir. Il-Kunsill qabel.

8. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**.

1. Is-Sindku qal li hemm tabella f'Dawret Ħal Ghaxaq li jeħtieġ tinbidel, qal ukoll li hem il-htiega li jsiru zewg tabelli STOP signs ghal Triq Giuseppi D'Arena. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' biċċa ħamrija li tinsab fi Triq il-Ħannieqa. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Attard qal li ġie avviċinat biex isir monument ta' Nazzareno l-Għannej. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni iżda irid isir permess mingħand *Transport Malta* minn dak li jkun se jagħmel il-monument. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sinjura Agius qalet li Triq id-Dejl fejn sar it-tarmak il-ġdid hemm parti fit-triq li qed tinqala'. Is-Sindku qal li hu diġa' kellem lill-kuntrattur dwar din u se jieħu ħsieb li titranġa.

5. Il-Kunsillier Picco talab lill-kunsilliera biex ilestu l-artiklu tagħhom għall-fuljett.

6. Is-Sur Attard qal li Triq Dar il-Bebbux l-iskart mhux qed jinġabar. Is-Segretarju qalet li ser tgħarraf lill-kuntrattur ta' l-*iScammel* dwar dan.

7. Is-Sur Picco qal li għandu petizzjoni mingħand residenti dwar ferħ naħal li qiegħed jinżamm fuq bejt privat u li dan qed jikkaġuna nkonvenjent għan-nies tal-madwar. Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura dwar dan.

8. Is-Sur Attard qal li hemm sid ta' ħanut li qiegħed joħroġ kaxxi bil-prodotti fuq il-bankina u b'hekk jostakola l-bankina, tant li n-nies iridu jinżlu minn fuq il-bankina biex jgħaddu. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil lis-Spettur Mercica dwar dan.

9. Is-Sindku qal li jeħtieġ li napplikaw sabiex tkun tista' tingħalaq Triq il-Belt Valletta fil-ġranet tal-Festa ta' San Ġużepp minħabba n-nar ta' l-art tal-festa. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sur Attard qal li jeħtieġ niktbu lid-Direttur tal-*Cleansing Services* biex ngħidulu li l-post li kien indikalna li kien hemm ħafna skart, issa ġie mnaddaf. Il-Kunsill qabel.

## 9. Aġġornament

Is-Sindku fl-4.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2011, fis-2.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 24 ta' Mejju 2011 fis-2.00pm.**



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt